MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 420 (8-45)

It-Tnejn 11 t' April 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit

ASSENTI

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**420.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit.

**420.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 419. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**420.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

419.5 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li filwaqt li fl-aħħar Seduta ma kinetx preżenti, tinnota li fil-Minuti ma ssemma xejn rigward l-iskema tas-simulation project fi Triq Salvu Borg Olivier. Is-Sindku qal li kif diġa ġie ċċarat diversi drabi, il-proġett kif imħabbar mill-Indis ser ikun iffinanzjat fl-intier tiegħu.

**420.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**420.3.1** Is-Sindku qal li x-xogħolijiet minn Infrastructure Malta fi Triq il-Parroċċa u Triq San Nikola qed jieħdu iktar milli mistenni u filwaqt li kellhom ikunu lesti qabel l-Għid, għadhom ma tlestewx. Huwa qal li peress li hemm l-attivita' tal-Mixgħela u biex l-organizzazjoni ta' din l-attivita' ma tkunx inxekkla, ġie miftiehem li għal dawn il-jiem it-toroq ikunu miftuħa u x-xogħol jissokta immedjatament wara. Huwa qal li s-servizzi ġew mgħoddija kollha u issa jmiss il-bdil tal-bankini fejn qegħdin fi stat ħażin. Huwa qal li ser issir ukoll trinka man-naħa taz-zuntier, biex eventwalment meta jibda l-proġett taz-zuntier, dan ma jintmessx. Huwa proġettat li għal nofs Mejju ix-xogħol fuq iż-żewġ toroq ikun tlesta.

**420.3.2** Is-Sindku qal Ii talab meeting mal-Kuntratturi tal-manutenzjoni tal-ġonna u anka mal-kuntrattur il-ġdid tat-tindif tan-non urban peress li nnota li s-servizz mhux sodisfaċenti. Huwa qal li eventwalment ser isiru meetings mal-kuntratturi l-oħra. Is-Sindku informa li l-Community Manager ser jibda l-impjieġ tiegħu mit-2 ta' Mejju u jkun jista' jsegwi l-kuntratturi u anka l-ħaddiema assenjati iktar mill-qrib.

**420.3.3** Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-INDIS li infurmawh li kien hemm varjazzjoni fil-BOQ tal-proġett Family Park li din telgħet għal €780,000. Huwa qal li ġie approvat li l-ispiża tkun koperta fl-intier tagħha.

**420.3.4** Is-Sindku qal li resident qed jitolbu li l-porzjon art battala quddiem binja ġdida fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, faċċata tal-monument ta' Mons Mikiel Azzopardi, titranġa biex tkun tista' titgawda mill-pubbliku. Huwa qal li l-Kunsill għandu jġib informazzjoni dwarha, dwar min hu s-sid u l-Kunsill jistħarreġ il-possibilta' ta' kif tista' tiġi rranġata.

**420.3.5** Is-Sindku qal li l-bieraħ saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazjoni tal-proġett tar-restawr tal-istatwi mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja. Huwa qal li s-Siġġiewi għandna wirt kulturali vast u hemm bżonn li nibżgħu għalih ħalli ma jintilifx. Huwa qal li l-Kunsill għandu jistħarreġ il-possibilta' għal fondi għal proġetti ta' restawr, fosthom applikazzjonijiet taħt il-Gal Majjistral. Is-Sindku ħeġġeg lill-Kunsilliera biex jikkoperaw fi proġetti simili.

**420.3.6** Is-Sindku semma l-attivita' tal-bieraħ. Filwaqt li rringrazzja lil min attenda għall-attivita', huwa qal li jistenna li jkun hemm iktar attendenza u interess f'attivita' tal-Kunsill kemm mill-Kunsilliera kif ukoll mill-impjegati. Huwa qal li min ma jkunx ser jattendi għal raġuni valida għandu almenu javża.

**420.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**420.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg wera l-apprezzament għall-proġett fl-intier tiegħu u qal li iħeġġeġ proġetti simili ta' restawr għal diversi binjiet ta' wirt storiku fil-lokal. Huwa semma il-faċċata tal-kappella ta' Triq Sta. Margerita fejn jinsab kwadru titulari u anka l-kappella ta' San Mark.

**420.4.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk mal-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet ta' Triq il-Parroċċa hemmx inkluż l-isqaq ta' San Pawl, kemm bħala wiċċ, kif ukoll bħala bdil tas-servizzi. Is-Sindku qal li ser jiċċekja mal-Perit inkarigat.

**420.4.3** Rigward il-proġett tal-Family Park, il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk il-bini tar-retaining walls hux inkluż fil-proġett. Is-Sindku ikkonferma dan, anka peress li l-varjanza fil-BOQ kienet minħabba li fl-istima oriġinali dawn ma kienux inklużi. Is-Sindku qal li l-pjan modifikat jinkludi anka d-dħul għall-għelieqi.

**420.4.4** Rigward l-art vakanti fi Triq Mons Mikiel Azzopardi imsemmija iktar 'il fuq, il-Kunsillier Kurstein Sant li żmien ilu kien diġa ċċekja dwarha u rriżulta li din l-art hija 'green area' u ma jistax isir żvilupp fiha. Hu propona li jsiru l-aċċertamenti mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**420.4.5** Rigward restawr tal-istatwi fi Triq Santa Margerita ħdejn il-Mitħna, Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li minn riċerka li kienet saret xi żmien ilu, kien il-ħsieb li wara l-istatwa tinfetaħ triq pubblika. Eventwalment maż-żmien ma nfetħitx u baqgħet żona bil-ħamrija, u l-istatwa hija pubblika, filfatt li l-oħra hemm stħarriġ li hija tal-privat pero qatt ma nstab min hu is-sid. Il-Kunsillier Sant kompla li l-kappella fi Triq Sta Margerta ħdejn l-istwa tal-Madonna ta' Lourdes hemm biss il-faċċata, l-artal u kwadru titulari li jidher mill-bieb ta' barra.

**420.5 Arranġamenti tat-traffiku addizjonali fi Triq it-Tabib Nikola Zammit**

Is-Sindku preżenta pjanta tal-pjan tat-traffiku diġa approvat u spjega x'jonqos isir. Huwa qal li hemm żieda ta' parkeġġi lejn l-iskola u spustjar taż-żebra crossings fost oħrajn. Is-Sindku qal li dan il-pjan għandu jitkompla ħalli jiġi finalizzat il-proġett idejalment immedjatament malli tispiċċa s-sena skolastika.

**420.6 Proposta ta' arranġament tat-traffiku f'Wied Ħersi u tisbieħ fil-Wied**

Is-Sindku qal li kif jafu, waqt xogħolijiet fit-triq prinċipali kienet saret devjazzjoni tat-traffiku lejn Wied il-Ħesri, b'konsegwenza li t-triq indrat u baqgħet tintuża minn diversi sewwieqa. Huwa qal li biex jiġi priżervat il-wied, qed jipproponi li ssir tabella 'to render a service' biex din it-triq tiġi limitata għall-użu tal-bdiewa u għalhekk, il-wied jibqa jitgawda minn min jinżel jimxi jew bir-rota, u mingħajr karozzi.

**420.7 Xogħolijiet minn IM fi Triq Wied Baqqiegħa**

Is-Sindku qal li minn informazzjoni minn Infrastructure Malta, it-trejqa kienet ser titranġa għall-aċċess tal-bdiewa. Huwa propona li l-użu jkun limitat għal bdiewa. Ġie ssuġġerit li jsiru bollards biex jillimitaw l-aċċess għall-vetturi. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk il-proposta hix biex isiru biss tabelli jew anka tingħalaq b'bollards. Is-Sindku qal li tabelli biss ma jkunux effettivi. Huwa qal li l-bollards jistgħu isiru b'aċċess b'ċavetta jew li jistgħu jiġu spustjat u li t-tabelli għandhom ikunu b''limited use zone' għal min għandu r-raba' hemm biss.

Is-Sindku propona li din il-proposta tintbgħat lil transport Malta u eventwalment lil Infrastructure Malta biex isir pjan biex jiġi mmitigat l-abbuż u jsir tisbieħ fil-wied.

**420.8 Xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' bankini fil-lokalita'**

Is-Sindku qal li qed niġbru lista ta' bankini li hemm bżonn jitranġaw ħalli nkunu nistgħu nagħmlu stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn u eventwalment jibda x-xogħol. Huwa talab lill-Kunsilliera biex jekk għadhom xi rikjesti ta' xogħol ta' bankini jressquhom lill-amministrazzjoni.

**420.9 Attivitajiet tal-Kunsill matul April: Mixgħela 2022 u Jum is-Siġġiewi 2022**

Is-Sindku qal li fl-aħħar jiem saru laqgħat ta' koordinament flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill mal-Awtoritajiet tal-Pulizija, u l-għaqdiet dwar loġistika u sigurta', għeluq ta' toroq, devjazzjoni tat-traffiku, armar ta' stalls, shuttle service tal-vann u tħejjijiet oħra biex din l-attivita' tkun suċċess. Ġie maqbul li n-naħa t'isfel tal-Pjazza ser jingħalaq għat-traffiku u jinżamm mingħajr vetturi biex ma tintilifx l-atmosfera. Ġie maqbul ukoll li l-kappelli tal-Pjazza ikunu miftuħa għal żjarat. Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' għajnuna u nvolviment għall-organizzazzjoni ta' din l-attivita' u qal li x-xogħol jispiċċa jaqa' kollu fuqu u l-amministrazzjoni tal-Kunsill b'detriment għal xogħol ieħor.

Is-Sindku qal li l-attivitajiet li jmiss huma dawn:
Attivita' 'Memorja' b'koordinament mal-Arkivji Nazzjonali, li ser issir fl-24 t'April fis-Sala tal-Kunsill u
Serata ta' Jum is-Siġġiewi u l-Għoti tal-Onorefiċenza fit-30 t'April fis-Sala tal-Kunsill.

**420.10 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv -Sena ta' ħidma 2021**

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv tippreżenta r-rapport. Peress li kopja kienet intbagħtet lill-Kunsilliera qabel, ġie meqjus li r-rapport kien inqara. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet jekk hemmx xi mistoqsijiet dwar ir-rapport. Hija qalet li mar-rapport hemm mehmuż ir-rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera kif mitlub f'Artiklu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap363) (Emendi), għajr ta' żewġ Kunsilliera li baqgħu ma preżentawx ir-rapport. Il-Kunsillier Julian Borg saqsa min huma iż-żewġ Kunsilliera li ma tawx ir-rapport tal-ħidma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jonqos tal-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia. Is-Sindku qal li dan ir-rapport kellu jiġi preżentat waqt laqgħa pubblika f'April, iżda peress li l-laqgħa li normalment issir f'Diċembru kellha ssir fi Frar minħabba restrizzjonijiet u sitwazzjonijiet relatati mal-pendemija, ma tagħmilx sens li ssir laqgħa oħra daqshekk viċin. Huwa qal li fl-aħħar laqgħa saret preżentazzjoni tar-rapport ta' ħidma għas-sena 2021 u anka ta' proġetti għal din is-sena. Il-Kunsill qabel ma' dan.
Is-Sindku talab l-approvazzjoni tar-Rapport. Il-Kunsill unanimament approva.

**420.11 Skema dwar restawr ta' postijiet / Monumenti storiċi 2022/2023 – SPI.SCI.3.2022**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni għal skema ta' restawr ta' postijiet storiċi. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera jagħtu s-sehem tagħhom speċjalment dak li jirrigwarda d-dikasteri li tagħhom huma responsabbli. Huwa qal li permezz ta' fondi addizjonali minn skemi il-lokal jista' jigwadanja minn restawr biex jiġi salvagwadjat il-patrimonju lokali. Huwa qal li applikazzjonijiet bħal dawn jeħtieġ ħafna xogħol u dokumentazzjoni teknika biex tkun eliġibbli. Huwa ssuġġerixxa li terġa tiġi sottomessa applikazzjoni għal restawr tal-faċċata tal-kappella tal-Madonna taċ-Ċwerra fil-Pjazza. Is-Sindku qal ukoll li jinbeda proċess fuq niċeċ u siti oħrajn biex meta jiftħu applikazzjonijiet simili diġa jkollna dokumentazzjoni f'idejna. Din l-applikazzjoni tagħlaq fit-22 t'April 2022.

**420.12** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi. Il-Kunsillier Julian Borg elenka numru ta' applikazzjonijiet li għandu kunflitt ta' interess bħala Perit u għalhekk ma jistax jikkummenta dwarhom. Dawn huma PA1920/22, PA1964/22, PA1791/22.

Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjonijiet:
PA6387/20 'Sanctioning of an existing steel structure for storage related with approved facilities', . Ta Matti & Sons, off, Triq Wied Xkora, Siggiewi;
PA1100/22 'Renewal of PA4241/08 (Proposed restoration of quarry in phases including extension of same quarry.)', Quarry No.81, Triq ta' Wied Hanzir, Triq tal-Ibrag, Siggiew

**420.13** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**420.14** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**420.15** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**420.16** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

Ma kien hemm l-ebda kumment.

**420.17** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 9 ta' Mejju 2022

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv